Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2003

Numru 185/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR ALEXANDER P. MIRUZZI**

**VS**

**SHAUN DEMICOLI**

**Illum 14 ta' Mejju 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Shaun Demicoli ta’ 25 sena, iben Lucio u Julie Xebba Nappa, imwieled Pieta’ fl-20 ta’ April 1977, residenti Block C1, Flat 10, Ta’ Paris, B’Kara u detentur tal-karta tal-identita’ numru 220877 (M);

Talli fil-5 ta’ Ottubru, 2001 u fil-jiem ta’ qabel din id-data f’dawn il-Gzejjer, seraq senter tal-marka Pietro Beretta b’numru ta’ serje U43378E li jiswa aktar minn mitt lira maltin (Lm100), pero’ anqas minn elf lira maltin (Lm1,000) ghad-detriment ta’ Pio Vassallo liema serq hu aggravat bil-valur tal-haga misruqa;

Ukoll talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi xjentement laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex imexxihom.

Talli wkoll, fl-istess data, lok, u cirkostanzi minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, zamm f’xi fond arma tan-nar jew munizzjoni;

Ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f’idejh jew fuqu, arma tan-nar jew munizzjoni barra minn fond jew post li jaghmel mieghu;

Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi gie fil-pussess ta’ arma tan-nar, jigifieri senter tal-marka Pietro Beretta b’numru ta’ serje U43378E jew munizzjoni, xort’ohra milli b’licenzja, u minnufih naqas jaghti avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija, halli jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjoni ghandhomx jinzammu taht idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li tkun tat dak l-avviz.

Ukoll talli fil-5 ta' Ottubru, 2001, ghall-habta tas-sebgha ta' fil-ghaxija, gewwa l-inhawi maghrufa bhala taht is-Salib limiti tas-Siggiewi, kien qieghed idur ghall-kacca b'xi xkubetta jew arma ohra tan-nar jigifieri senter tal-marka Pietro Beretta b'numru ta' serje U43378E minghajr licenzja valida mill-Kummissarju tal-Pulziija;

Kif ukoll talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 14 ta' April 2003, 13 ta' Gunju 1996, u 27 ta' Ottubru 1998, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Wara illi rat l-Artikoli 261, 267, 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 3(1), 3(1)(A), 9(1) tal-Kapitolu 66 – Ordinanza dwar l-Armi tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 205(2) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 4 Ta' l-Avviz Legali 146 ta' l-1993;

Ikkonsidrat:

Illi l-versjoni moghtija mill-imputat m'hihiex sostenibbli meta huwa ta d-dispozizzjoni tieghu fit-2 ta' Mejju 2003. Dan minhabba r-ragunijiet segwenti:

- Il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni;

- Il-fatt illi l-imputat instab 'in flagrante' fil-pussess ta' l-arma;

- Iz-zmien, relattivament twil, illi l-arma damet, irregolarment, fil-pussess ta' l-imputat, mingahjr ma dan ta' l-ahhar issana s-sitwazzjoni legali tieghu.

Il-versjoni tieghu mhix sopportata mix-xhieda mixtieqa ma tistax treggi.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qed issib lill-imputat hati ta' ricettazzjoni izda mhux ta' serq.

Ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti qeghda tikkundanna lill-imsemmi imputat, ghal hames mitt lira maltin (Lm500) multa.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------